

Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran, xi jsarraf għall-awtoritajiet lokali u reġjonali?

(2008/C 325/08)

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jenfasizza l-importanza tal-inizjattiva tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran, li reġgħet qiegħdet il-Mediterran fil-quċċata tal-aġenda Ewropea u qajmet dibattitu u ispirat riflessjonijiet dwar l-isfidi li l-Mediterran qiegħed jiffaċċja;
- huwa konvint li l-inizjattivi min-naħa jew oħra tal-Mediterran li jikkonċernaw unikament l-approċċ diplomatiku mhux ser jagħtu soluzzjonijiet sostenibbli sakemm id-demokrazija lokali ma titqiegħedx fil-qalba tad-dibattitu, kemm fir-rigward tat-tisħiħ tagħha, kif ukoll fir-rigward tal-kooperazzjoni diretta bejn ir-reġjuni u l-bliet taż-żewġ ixtut tal-Mediterran fl-ambitu tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran;
- ifakkar li l-livell reġjonali huwa livell ta' gvernanza li jista' jfassal soluzzjonijiet sabiex ikun hemm adattament u reazzjoni għall-isfidi tal-globalizzazzjoni b'kooperazzjoni mill-qrib mal-livelli istituzzjonali l-oħra. L-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'mod partikolari fl-Ewropa kulma jmur qed jafferu ruħhom bħala livell rilevanti fit-tfassil ta' dawn is-soluzzjonijiet;
- konsegwentement, itenni s-sejħa tiegħu sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu rikonossuti bħala msieħba ewlenin fil-Proċess ta' Barċellona u fil-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja;
- beħsiebu jippromovi t-twaqqif ta' **Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja (ARLEM)** magħmula minn membri tal-Kumitat tar-Reġjuni, minn rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet Ewropej u internazzjonali impenjati fil-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja u minn numru ndaq ta' rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-ixtut tan-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran bħala pjattaforma permanenti ta' djalogu, ta' skambju u ta' kooperazzjoni. Huwa jsejjaħ ukoll sabiex din il-pjattaforma tiġi rikonossuta bħala korp konsultattiv fi ħdan il-gvernanza futura tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran, hekk kif seħħ fil-każ tal-EMPA fil-livell tal-parlamenti nazzjonali.

Rapporteur ġenerali: is-Sur Isidoro GOTTARDO, Membru tal-Kunsill ta' Sacile

Dokumenti ta' referenza

Konsultazzjoni tal-Presidenza Franċiża mal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tat-13 ta' Ġunju 2008 dwar il-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran — xi jsarraf għall-awtoritajiet lokali u reġjonali? u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Il-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran

COM(2008) 319 finali

I. KUMMENTI ĠENERALI

IL-KUMMITAT TAR-REĠJUNI

1. jenfasizza l-importanza tal-inizjattiva tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran, li reġgħet qiegħdet il-Mediterran fil-quċċata tal-aġenda Ewropea u qajmet dibattitu u ispirat riflessjonijiet dwar l-isfidi li l-Mediterran qiegħed jiffaċċja; jilqa' kemm id-dimensjoni pragmatika kif ukoll il-viżjoni politika tal-proġett imniedi mill-Presidenza Franċiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li hu appoġġjat minn 16-il membru tal-pajjiżi msiehbatan-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran;
2. huwa kuntent bis-suċċess li kisbu sal-lum xi wħud mill-miżuri u l-inizjattivi tal-Proċess ta' Barċellona; madankollu, jid-dispjaċih bin-nuqqas ta' progress sinifikanti fl-oqsma tal-paċi, tas-sigurtà u tal-iżvilupp umani u soċjali, kif ukoll bin-nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
3. jenfasizza li bil-format il-ġdid tiegħu, il-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran għandu jippermetti li s-sistema ta' kooperazzjoni purament intergovernattiva tinbidel fi proġett ta' djalogu bejn iċ-ċittadini tat-tliet ixtut, u b'mod partikolari, ta' kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran, filwaqt li jgħaqqad lill-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom permezz ta' qafas ta' proġetti konkreti u miftehma li jidħlu fl-istrateġija globali bbażata fuq il-bżonnijiet taċ-ċittadini u fuq is-solidarjetà;
4. jikkunsidra li waħda mill-kondizzjonijiet għas-suċċess tal-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi Ewro-Mediterranji għat-tisħiħ tas-sħubija permezz tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran hija li jiġu identifikati suġġetti interessanti ġodda sabiex il-benefiċċji prattiċi tagħha jkunu mifhuma miċ-ċittadini u dan billi d-dikjarazzjonijiet ta' prinċipju jsiru miżuri tanġibbli. Dan kollu jirrikjedi involviment qawwi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u komunikazzjoni ċara u tinftiehem malajr;
5. jinnota li azzjoni aktar b'saħħitha min-naħa tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetà ċivili għall-politika pubblika hija sikwit illimitata minħabba d-dgħufija tad-demokrazzja lokali u n-nuqqas ta' proċess ġenwin ta' deċentralizzazzjoni fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran;
6. bl-istess mod, jinnota li d-deċentralizzazzjoni u l-gvernanza lokali u parteċipattiva mhux dejjem imorru flimkien b'mod sistematiku. Fxi Stati Membri tal-UE u pajjiżi terzi l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiffaċċjaw sfidi simili: iż-żieda tal-parteeċipazzjoni fl-elezzjonijiet, il-promozzjoni tal-parteeċipazzjoni taċ-ċittadini, u t-tisħiħ tal-involviment tal-assoċjazzjonijiet fit-tfassil ta' strateġiji u fit-tħejija ta' proġetti kbar, urbani jew reġjonali;
7. huwa konvint li l-inizjattivi min-naħa jew oħra tal-Mediterran li jikkonċernaw unikament l-approċċ diplomatiku mhux ser jagħtu soluzzjonijiet sostenibbli sakemm id-demokrazzja lokali ma titqiegħedx fil-qalba tad-dibattitu, kemm fir-rigward tat-tisħiħ tagħha, kif ukoll fir-rigward tal-kooperazzjoni diretta bejn ir-reġjuni u l-bliet taż-żewġ ixtut tal-Mediterran fl-ambitu tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran;
8. f'dan il-kuntest, jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Kapijiet tal-Istat u l-Gvernijiet tal-Isħubija Ewro-Mediterranja, li ltaqgħu f'Pariġi fit-13 ta' Lulju, li tenfasizza li huwa importanti li s-soċjetà ċivili, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u s-settur privat jipparteċipaw b'mod attiv fl-implimentazzjoni tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran;
9. madankollu, ma jħossx li huwa xieraq li l-awtoritajiet lokali u reġjonali, li huma demokratikament leġittimi, u s-soċjetà ċivili u s-settur privat, li mhumiex demokratikament leġittimi, jitpoġġew fuq l-istess livell;
10. jaqbel ukoll mal-istqarrija tal-Kapijiet tal-Istat u l-Gvernijiet tal-Isħubija Ewro-Mediterranja li jekk ikun hemm tqassim akbar tar-responsabbiltà tal-proċess, jekk il-gvernanza tiġi bbażata fuq l-ugwaljanza bejn il-partijiet kollha u jekk mill-proċess joħorġu proġetti konkreti li jkunu aktar viżibbli għaċ-ċittadini, dan kollu jippermetti li r-relazzjonijiet bejn it-tliet ixtut tal-Mediterran isiru aktar sodi u aktar viżibbli bis-saħħa ta' proġetti reġjonali u subreġjonali addizzjonali rilevanti għaċ-ċittadini tar-reġjun;
11. jinnota r-rieda u l-impenn tal-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex isaħħu l-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran li jippromovi id-demokrazzja lokali u l-kooperazzjoni deċentralizzata;
12. ifakkar l-esperjenza tal-implimentazzjoni tal-politiki Ewropej li numru kbir minnhom jirrikjedu l-impenn, ir-riżorsi u l-azzjoni tal-awtoritajiet lokali għall-implimentazzjoni tagħhom u jenfasizza wkoll l-esperjenza sħiħa u l-għarfien espert tal-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej fit-trattament u l-ġestjoni tal-kwistjonijiet urbani u rurali marbuta mal-ambjent, l-enerġija, it-trasport, il-protezzjoni ċivili, il-migrazzjoni, l-iżvilupp ekonomiku u għadd ta' prijoritajiet oħra tal-Proċess ta' Barċellona li jibqaw validi, bħad-djalogu interkulturali, l-edukazzjoni, id-dimensjoni umana u soċjali; għalhekk, jiddispjaċih li ma kienu hemm konsultazzjoni minn qabel mal-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar il-proġetti ta' żvilupp annessi mal-konklużjonijiet tas-summit ta' Pariġi minkejja l-ħtieġa tal-involviment tagħhom fl-implimentazzjoni futura ta' dawn il-proġetti u jenfasizza l-ħtieġa li dan l-approċċ intergovernattiv jiġi rivedut sabiex kull livell ta' gvernanza kkonċernat jiġi involut;

13. fid-dawl tal-opinjoni preċedenti dwar din il-kwistjoni, jenfasisza l-importanza tal-involvement tal-awtoritajiet lokali u reġjonali mhux biss fil-fażi tal-implimentazzjoni iżda wkoll tul il-proċess kollu ta' kooperazzjoni li jibda bit-tfassil tal-istrategġi, jkompli bl-implimentazzjoni tal-programmi u tal-proġetti u jintemm bil-monitoraġġ tal-istrategġi u l-evalwazzjoni tar-risultati. Dan japplika b'mod partikolari meta l-inizjattivi jkunu marbuta ma' oqsma fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali jkollhom kompetenzi wiesa' u diretti, fost l-oħrajn, pereżempju l-ippjanar tal-bliet u l-kampanja, il-ġestjoni tal-ilma, il-ġestjoni u l-ipproċessar tal-iskart, l-ambjent u l-konsegwenzi lokali tal-bidla fil-klima, l-iżvilupp ekonomiku lokali, il-ġestjoni u t-tisħiħ tal-wirt kulturali u storiku, l-iżvilupp tat-turiżmu lokali, is-saħħa tal-bniedem, il-politiki ta' integrazzjoni u tal-koeżjoni soċjali;

14. jilqa' t-tnedija imminenti tal-programm CIUDAD il-ġdid fi ħdan l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija attwali, li jfit-tex li jippromovi l-kooperazzjoni fl-iżvilupp urban u d-dialogu fir-reġjun tal-Mediterran. Jaqbel li l-oqsma ta' prijorità jinkludu s-sostenibbiltà ambjentali, l-effiċjenza enerġetika, l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u t-tnaqqis tad-differenzi soċjali, oqsma fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom poteri mifruxa u diretti, u fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali Ewropej jistgħu joffru esperjenza u għarfien Prattiku;

15. jinnota li, sal-lum, l-aspetti finanzjarji tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran għadhom ma' ġewx speċifikati u li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jkunu kemm imsieħba politiki, kif ukoll imsieħba tekniċi u finanzjarji fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrategġi u l-proġetti li min-naħa jissodisfaw l-bżonnijiet reali ta' ċittadini u minn oħra jilhqgħu l-oġettivi tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran; jinnota ukoll li l-inizjattiva l-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran ma' tiddel xejn, f'termini programmatiċi u finanzjarji, mid-dimensjoni mediterrana tal-politika Ewropea tal-viċinat;

16. ifakkar li l-livell reġjonali huwa livell ta' gvernanza li jista' jfassal soluzzjonijiet sabiex ikun hemm adattament u reazzjoni għall-isfidi tal-globalizzazzjoni b'kooperazzjoni mill-qrib mal-livelli istituzzjonali l-oħra. L-awtoritajiet lokali u reġjonali, b'mod partikolari fl-Ewropa kulma jmur qed jafferimaw ruħhom bħala livell rilevanti fit-tfassil ta' dawn is-soluzzjonijiet;

17. konsegwentement, itenni s-sejħa tiegħu sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu rikonoxxuti bħala msieħba ewlenin fil-Proċess ta' Barċellona u fil-kooperazzjoni Ewro-Mediterrana;

18. jirrikonoxxi r-rwol u l-esperjenza tad-diversi networks u assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropej u internazzjonali li qegħdin jaħdmu għall-kooperazzjoni deċentralizzata Ewro-Mediterrana, u jirrikonoxxi wkoll

il-kompetenza esperta u l-għarfien tat-territorju tagħhom⁽¹⁾. Għalhekk hemm bżonn li jkun hemm aktar kooperazzjoni u li l-oġettivi tal-proġetti ta' kooperazzjoni deċentralizzata jin-għaqdu ma' daww tal-isħubija Ewro-Mediterrana sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati possibbli;

19. itenni l-appoġġ tiegħu għad-dikjarazzjoni tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Mediterran u l-Ewropa li ltaqgħu fit-23 ta' Ġunju 2008 waqt Forum tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Mediterran f'Marsilja;

20. u f'dan il-kuntest, jaqsam ir-rieda tar-rappreżentanti lokali u reġjonali eletti u tal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom sabiex joħlqu strument istituzzjonali li jiżgura r-rappreżentanza politika permanenti u l-kontribut attiv tagħhom għall-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran, strument rilevanti għat-territorjalizzazzjoni; u jteni li l-Kumitat tar-Reġjuni diġà ressaq din it-talba f'opinjonijiet preċedenti b'raba ma' din it-tema;

21. għalhekk, beħsiebu jwaqqaf Assemblée Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterrana (ARLEM) magħmula minn numru ugwali ta' rappreżentanti lokali u reġjonali eletti tal-Unjoni Ewropea u rappreżentanti eletti tal-pajjiżi msieħba tal-Mediterran, u dan fid-dawl tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterrana (EMPA) li twaqqfet biex tirrapreżenta d-dimensjoni parlamentari;

II. RAKKOMANDAZZJONIJET TA' POLITIKA

22. ihegġegħ lill-korpi governattivi tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran sabiex minbarra li jirrikonoxxu politika lill-awtoritajiet lokali u reġjonali jinkorporawhom b'mod formali u effettiv fil-proċess ta' kooperazzjoni u fil-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran;

23. għalhekk, isejjaħ għat-tfassil ta' dokumenti ta' ħidma ġodda li jiddefinixxu r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali bħala msieħba sħaħ tal-proċess ta' kooperazzjoni fl-ambitu tat-tnedija mill-ġdid tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran;

24. ihegġegħ bis-saħħa lill-awtoritajiet lokali u reġjonali sabiex flimkien mal-gvernijiet ċentrali jipparteċipaw sa mill-ewwel fażi fit-tfassil ta' ftehim bejn l-assoċjazzjonijiet, ta' dokumenti strateġiċi u ta' pjanijiet ta' azzjoni li huma mfassla b'mod bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi msieħba tan-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran b'mod partikolari fl-ambitu tal-Politika Ewropea tal-Viċinat;

⁽¹⁾ Għadd ta' networks, assoċjazzjonijiet u ċentri huma involuti f'azzjonijiet Prattiki, fi studji u riċerka dwar il-pajjiżi u l-kooperazzjoni ewro-Mediterrana. Jeħtieġ li x-xogħol tagħhom jtniżżel f'katalogu sabiex in-nies issir taf bih u titgħallim minnu bil-għan li kull inizjattiva ġdida tkun ibbażata fuq dawn il-kisbiet. Pereżempju r-"Rapport Dinji tal-Bliet u l-Gvernijiet Lokali Magħquda favur id-Deċentralizzazzjoni u d-Demokrazija Lokali" li jiddeskrivi s-sitwazzjoni ġewwa l-pajjiżi msieħba tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran.

25. għalhekk, isejjaħ lill-gvernijiet Ewro-Mediterranji sabiex iwaqqfu mekkaniżmi ta' djalogu nazzjonali strutturat u ta' konsultazzjoni bejn l-atturi sottonazzjonali (lokali u reġjonali), l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili billi jagħqu n-netwerks u l-assoċjazzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

26. beħsiebu jippromovi t-twaqqif ta' **Assemblea Reġjonali u Lokali Ewro-Mediterranja (ARLEM)** magħmula minn membri tal-Kumitat tar-Reġjuni, minn rappreżentanti tal-assoċjazzjonijiet Ewropej u internazzjonali impenjati fil-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja u minn numru ndaqs ta' rappreżentanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-ixtut tan-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran bħala pjattaforma permanenti ta' djalogu, ta' skambju u ta' kooperazzjoni. Huwa jsejjaħ ukoll sabiex din il-pjattaforma tiġi rikonoxxuta bħala korp konsultattiv fi ħdan il-gvernanza futura tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran, hekk kif seħħ fil-każ tal-EMPA fil-livell tal-parlamenti nazzjonali;

27. ihegġegħ lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tarmonizza, tikkoordina u torbot sew flimkien l-approċċ il-ġdid mal-programmi differenti, l-proġetti u l-istrumenti Komunitarji ⁽²⁾ u ma' dawk il-programmi, il-proġetti u l-istrumenti korrispondenti tal-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja li diġà qegħdin fis-seħħ ⁽³⁾, bil-għan li tapprofitta mill-esperjenzi, li tevita r-ripetizzjoni tal-attivitajiet u li takkumula l-progress;

28. jipproponi lijsir studju ta' fattibbiltà sabiex jiġu adattati l-istrumenti ta' appoġġ strutturali eżistenti għall-kuntest tal-Mediterran — dan jinvolvi politika ta' koeżjoni ekonomika u soċjali li tippermetti kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Mediterran ibbażata fuq dimensjoni reġjonali;

29. ihegġegħ lill-korpi governattivi tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran sabiex tapprofitta mill-okkazzjoni ta'

din it-tnedija mill-ġdid tal-proċess sabiex timxi pass 'l quddiem fir-riforma tal-gvernanza lokali u d-deċentralizzazzjoni fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran u sabiex tnedi l-proċess ta' deċentralizzazzjoni fpajjiżi oħra;

30. għalhekk, jipproponi li tingħata prijorità lill-istrategġiji ta' tisħiħ istituzzjonali tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u li jitnedu programmi għall-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet u proġetti ta' taħriġ dwar ir-riżorsi umani lokali u reġjonali;

31. jikkunsidra li jekk tingħata responsabbiltà akbar lir-rappreżentanti eletti fil-livell lokali u reġjonali tinħoloq gvernanza fuq diversi livelli li tgħaqqad livelli istituzzjonali differenti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, tat-tfassil, u tal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki pubbliċi u l-politiki ta' żvilupp;

32. jissuġġerixxi l-użu tar-riżorsi umani lokali, tekniċi u akkademiċi għat-twaqqif ta' proġetti u li jkun hemm parteċipazzjoni kbira kemm jista' jkun taċ-ċittadini sabiex jieħdu f'idejhom is-sjeda tal-proċess ta' kooperazzjoni u l-proġetti sussegwenti;

33. fl-aħħar nett, jikkunsidra li d-dinamika tal-Proċess ta' Barċellona: Unjoni għall-Mediterran tista' toffri lill-atturi, f'diversi livelli, opportunitajiet ta' tagħlim, relazzjonijiet ġodda, mezz ta' rikonoxximent reċiproku u fl-istess ħin tippromovi t-tagħlim ta' approċċ ġdid għall-iżvilupp u d-demokrazija lokali fost l-atturi differenti involuti (l-amministrazzjoni ċentrali u deċentralizzata, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, s-soċjetà ċivili eċċ.);

34. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex iressaq din l-opinjoni lill-Presidenza Franċiża tal-UE, lill-Ko-Presidenza tal-Unjoni għall-Mediterran, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja u lill-Kaprijiet tal-Istat tal-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran.

Brussell, id-9 ta' Ottubru 2008.

Il-President
tal-Kumitat tar-Reġjuni
Luc VAN DEN BRANDE

⁽²⁾ Pereżempju, il-fondi ta' kooperazzjoni interreġjonali, il-politika tat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-kandidati għall-isħubija bħall-Kroazja u t-Turkija.

⁽³⁾ Pereżempju, il-Politika Ewropea tal-Viċinat, il-programmi Komunitarji bħal Erasmus Mundus jew il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp; id-djalogu 5 + 5 bejn il-pajjiżi Mediterranji tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Magreb.